KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-15 ta’ Lulju 2021[1]

**Kawża C-948/19**

**UAB “Manpower Lit”**
**vs**
**E.S.,**
**M.L.,**
**M.P.,**
**V.V.,**
**R.V.,**
**parti magħquda:**
**L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema, il-Litwanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Xogħol temporanju – Kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE – Aġenziji tal-Unjoni Ewropea – Impriżi utenti skont l-Artikolu 1(1) u L-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2008/104/KE – Regolament (KE) Nru 1922/2006 – L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala impriża utenti”

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ppreżentat mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema, il-Litwanja, iktar ’il quddiem il-“qorti tar-rinviju”) huwa l-ħames darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta d-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija[2]. Dak li huwa ġdid dwar id-direttiva jinsab fil-fatt li l-impriża utenti li l-impjegati temporanji rikorrenti E.S., M.L., M.P., V.V. u R.V. (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”)[3] kienu assenjati lilha mill-persuna li

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] ĠU 2008, L 327, p. 9. Ara s-sentenzi preċedenti tal-11 ta’ April 2013, Della Rocca (C-290/12, EU:C:2013:235); tas-17 ta’ Marzu 2015, AKT (C-533/13, EU:C:2015:173); tas-17 ta’ Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883) u tal-14 ta’ Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest tax-xogħol temporanju) (C-681/18, EU:C:2020:823), u tat-3 ta’ Ġunju 2021, *TEAM POWER* (C-784/19, EU:C:2021:427). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727).

[3] E.S., M.L., M.P., V.V. u R.V. jissejħu “il-konvenuti appellati” fil-proċess tal-qorti. Peress li huma kienu r-rikorrenti fil-proċeduri tal-ewwel istanza quddiem il-qrati Litwani, huma qegħdin jissejħu hekk f’dawn il-konklużjonijiet.

timpjegahom, UAB Manpower Lit, (iktar 'il quddiem il-"persuna li timpjega konvenuta")[4] kienet aġenzija tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[5] (iktar 'il quddiem l-"EIGE").

2. Ir-rikorrenti jikkontendu li, bi ksur kemm tal-liġi nazzjonali kif ukoll tad-Direttiva 2008/104, huma kienu ġew iddiskriminati mill-persuna li timpjega konvenuta minħabba li, fiċ-ċirkustanzi fattwali tal-kawża prinċipali, huma tħallsu pagi mill-EIGE li kienu inqas minn dawk li kieku kienu jirċievu kieku kienu rreklutati direttament mill-EIGE taħt il-Kunsill KEE/KEEA: Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[6].

3. Is-sitt domandi magħmula, għalhekk, huma ntiżi li jkun aċċertat jekk, u sa fejn, il-fatt li l-impriża utenti li lilha l-persuna li timpjega konvenuta assenjat lir-rikorrenti kienet aġenzija tal-Unjoni jolqotx l-eżitu tal-kawża prinċipali.

4. Wasalt għall-konklużjoni li l-istatus tal-EIGE bħala aġenzija tal-Unjoni huwa irrilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali, peress li l-proċess juri li ma l-ebda impatt ċar fuq l-awtonomija amministrattiva tal-EIGE[7] jekk issir ordni mill-qrati Litwani sabiex il-persuna li timpjega konvenuta tħallas remunerazzjoni bħala arretrati lir-rikorrenti bl-ebda mod, u lanqas ma tali ordni jkun ta' preġudizzju għar-Regolamenti tal-Persunal[8]. Dan huwa essenzjalment hekk peress li l-kawża prinċipali tirrigwarda tilwima bejn żewġ partijiet privati li tfisser evalwazzjoni tal-konformità mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 huwa manifestazzjoni speċifika tiegħu[9] u li fir-rigward tiegħu l-EIGE għandu biss l-status ta' terz intervenjent.

5. Barra minn hekk, l-EIGE jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2008/104 fir-rigward tal-kliem "impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le" skont l-Artikolu 1(2) tal-istess direttiva, peress li din id-direttiva ma tistax tkun interpretata bħala li teskludi istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

4 UAB Manpower Lit tissejjaħ fil-proċess bħala "l-appellanti". Peress li UAB Manpower Lit kienet il-konvenuta fil-proċeduri tal-ewwel istanza quddiem il-qrati Litwani, hija qiegħda tissejjaħ bħal l-"persuna li timpjega konvenuta" f'dawn il-konklużjonijiet.

5 Ara r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU 2006, L 403, p. 9). Ara b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu. Innota li l-EIGE ma huwiex istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 13 TUE. L-espressjoni "istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji" komunement tintuża fit-Trattati bħala riferiment għall-awtoritajiet kollha stabbiliti mit-Trattati jew minn leġiżlazzjoni sekondarja. Ara l-ispjegazzjonijiet għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2007, C 303, p. 17) dwar l-Artikolu 51(1) tal-Karta. Ara wkoll l-Artikolu 1(2)(a) tal-Verżjoni Konsolidata tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Settembru 2012 (ĠU 2012, L 265, p. 1), kif emendata fit-18 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 173, p. 65), fid-19 ta' Lulju 2016 (ĠU 2016, L 217, p. 69), fid-9 ta' April 2019 (ĠU 2019, L 111, p. 73) u fis-26 ta' Novembru 2019 (ĠU 2019, L 316, p. 103) Dwar aġenziji ara ġeneralment, pereżempju, Kohtamäki, N., *Theorising the legitimacy of EU regulatory agencies* (Lang, 2019); Busuioc, M., European Agencies: Law and Practices of Accountability (OUP, 2013).

6 (ĠU 1968 L 56, p. 1) kif emendati mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130, rettifiki fil-ĠU 2007, L 248, p. 26; ĠU 2012, L 130, p. 24; ĠU 2012, L 342, p. 48; ĠU 2016, L 289, p. 21), iktar 'il quddiem "Ir-Regolamenti tal-Persunal". Il-parti tar-Regolament Nru 31 dwar il-Kondizzjonijiet tal-impjieg tal-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet iktar 'il quddiem isir riferiment għaliha bħala l-"KIAO".

7 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 335 TFUE.

8 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1922/2006 u l-Artikoli 335 u 356 TFUE.

9 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility (C-574/16, EU:C:2018:390, punt 46) li kienet dwar il-klawsola 4(1) tal-ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss milħuq fit-18 ta' Marzu 1999, li jidher bħala anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/EC tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368). Il-premessa 5 tad-Direttiva 2008/104 tispjega r-rabta bejn iż-żewġ direttivi.

## I. Il-kuntest ġuridiku

## II. Id-dritt tal-Unjoni

6. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/104, bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni" huwa fformulat kif ġej:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju li huma assenjati għal impriżi utenti biex jaħdmu b'mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom.

2. Din id-Direttiva tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma aġenziji ta' xogħol temporanju jew impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali, jipprovdu li din id-Direttiva ma tapplikax għal kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg konklużi taħt programm speċifiku pubbliku jew sostnut b'mezzi pubbliċi ta' taħriġ vokazzjonali, ta' integrazzjoni jew ta' taħriġ mill-ġdid."

7. L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Għan" jipprevedi:

"Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta' trattament ugwali, kif imniżżel fl-Artikolu 5, ikun applikat għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. u billi tirrikonoxxi lill-aġenziji ta' xogħol temporanju bħala entitajiet li jħaddmu, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol."

8. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/104, bit-titolu "Definizzjonijiet" jipprevedi kif ġej fil-punti (d) u (f) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(d) 'impriża utenti' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jaħdem temporanjament għaliha taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

[…]

(f) 'kondizzjonijiet bażiċi ta' xogħol u ta' impjieg' tfisser kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg stabbiliti mil-leġislazzjoni, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-istrumenti ta' ftehim kollettivi u/jew dispożizzjonijiet ġenerali vinkolanti oħrajn fis-seħħ fl-impriża utenti relatati ma':

(i) it-tul tal-ħin tax-xogħol, is-sahra, il-breaks, il-perijodi ta' mistrieħ, ix-xogħol bil-lejl, il-vaganzi u l-btajjel pubbliċi;

(ii) il-paga.

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni ta' paga, kuntratt ta' impjieg, relazzjoni ta' impjieg, jew ħaddiem […]".

9. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104, bit-titolu "Il-prinċipju ta' trattament ugwali" jinsab fil-Kapitolu II li jitratta dwar kundizzjonijiet tax-xogħol. L-Artikolu 5(1) huwa fformulat kif ġej:

"Il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu, għat-tul ta' żmien ta' l-assenjazzjoni tagħhom f'impriża utenti, ta' l-inqas dawk li jkunu japplikaw kieku kienu rreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg.

[…]".

10. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1922/2006 għandu bħala titolu "Għanijiet" u huwa fformulat kif ġej:

"L-għanijiet globali ta' l-Istitut għandhom ikunu li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-integrazzjoni tas-sessi fil-linji politiċi Komunitarja kollha u l-linji politiċi nazzjonali li joħorġu minnha, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, u li jżid l-għarfien taċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi assistenza teknika lill-istituzzjonijiet Komunitarji, b'mod partikolari lill-Kummissjoni, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 3."

11. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1922/2006 għandu bħala titolu "Kompiti" u huwa fformulat kif ġej:

"1. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 2, l-Istitut għandu:

(a) jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni rilevanti, oġġettiva, paragunabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi r-riżultati minn riċerka u l-aħjar prattika kkomunikati lilu minn Stati Membri, istituzzjonijiet Komunitarji, ċentri ta' riċerka, korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, organizzazzjonijiet mhux governattivi, imsieħba soċjali, pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali, u jissuġġerixxi oqsma għal riċerka ulterjuri;

(b) jiżviluppa metodi biex itejjeb l-oġġettività, il-paragunabilita' u l-affidabbiltà tad-data f'livell Ewropew billi jistabbilixxi kriterji li jtejbu l-konsistenza ta' l-informazzjoni u jieħdu kont ta' kwistjonijiet tas-sessi fil-ġbir tad-data;

(ċ) jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod ta' metodoloġija sabiex jappoġġa l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi fil-politika Komunitarja kollha u l-politika nazzjonali li tirriżulta u jappoġġa l-integrazzjoni tas-sessi fl-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji kollha;

(d) iwettaq stħarriġ dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

(e) jistabbilixxi u jikkoordina Network Ewropew dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bl-involviment ta' ċentri, korpi, organizzazzjonijiet u esperti li jittrattaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi sabiex jappoġġa u jinkoraġġixxi r-riċerka, jottimizza l-użu ta' riżorsi disponibbli u jrawwem l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni;

(f) jorganizza laqgħat ad hoc ta' esperti biex jappoġġa l-ħidma ta' riċerka tal-Istitut, jinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni fost ir-riċerkaturi u jippromwovi l-inklużjoni ta' perspettiva tas-sessi fir-riċerka tagħhom;

(g) sabiex iżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, jorganizza, ma' partijiet interessati rilevanti, konferenzi, kampanji u laqgħat f'livell Ewropew, u jippreżenta r-riżultati u l-konklużjonijiet lill-Kummissjoni;

(h) ixerred informazzjoni rigward eżempji pożittivi ta' rwoli mhux stereotipiċi għan-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha tas-soċjetà, jippreżenta l-kisbiet u l-inizjattivi tiegħu mfasslin biex jippubbliċizzaw u jibnu fuq tali stejjer ta' suċċess;

(i) jiżviluppa djalogu u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' opportunitajiet ugwali, universitajiet u esperti, ċentri ta' riċerka, imsieħba soċjali, u korpi relatati oħrajn li qed jippruvaw b'mod attiv li jiksbu ugwaljanza f'livell nazzjonali u Ewropew;

(j) jistabbilixxi riżorsi ta' dokumentazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku;

(k) jagħmel l-informazzjoni dwar l-integrazzjoni tas-sessi disponibbli għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati; u

(l) jipprovdi informazzjoni lill-Istituzzjonijiet Komunitarji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi fil-pajjiżi ta'l-adeżjoni u dawk kandidati.

2. L-Istitut għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu."

## III. Id-dritt Litwan

12. Il-Lietuvos Respublikos įdarbinimo per laikinojo įdarbinimo įmones įstatymas (il-Liġi dwar l-Impjieg minn Aġenziji ta' Xogħol Temporanju) fil-verżjoni fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2013 sal-1 ta' Lulju 2017, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Lietuvos Respublikos Darbo kodeksas (il-Kodiċi tax-Xogħol tar-Repubblika tal-Litwanja, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tax-Xogħol") il-ġdid, kienet ikkaratterizzata mid-dispożizzjoni li ġejja:

"Artikolu 2. Definizzjonijiet ewlenin użati f'din il-liġi.

[…]

3. 'Utent' tfisser il-persuni kollha fiżiċi jew ġuridiċi u l-istrutturi organizzattivi l-oħra kollha li għalihom u taħt il-kontroll u d-direzzjoni tagħhom ħaddiema temporanji jaħdmu b'mod temporanju."

13. L-Artikolu 75(2) tal-Kodiċi tax-Xogħol, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2017 jipprevedi kif ġej:

"Aġenzija ta' xogħol temporanju għandha tiżgura li r-remunerazzjoni ta' ħaddiem temporanju għal xogħol magħmul għal impriża utenti tkun mill-inqas daqs ir-rimunerazzjoni li għandha titħallas kieku l-impriża utenti kienet ingaġġat lill-ħaddiem temporanju b'kuntratt ta' impjieg għall-istess xogħol, ħlief f'każijiet fejn ħaddiema temporanji impjegati b'kuntratti indefiniti ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija jirċievu remunerazzjoni mill-aġenzija ta' xogħol

temporanju bejn assenjazzjonijiet għal xogħol u l-livell ta' din ir-remunerazzjoni bejn assenjazzjonijiet għal xogħol ikun l-istess bħal dak tar-remunerazzjoni li tingħata matul assenjazzjonijiet għal xogħol. L-impriża utenti għandha ġġorr responsabbiltà sussidjarja sabiex tissodisfa l-obbligu li tħallas lill-ħaddiem temporanju għal xogħol magħmul għall-impriża utenti mill-inqas daqs ir-rimunerazzjoni li jkollha titħallas kieku l-impriża utenti kienet ingaġġat lill-ħaddiem temporanju skont kuntratt ta' impjieg għall-istess xogħol" [10].

14. Fis-6 ta' Ġunju 2017, fid-dawl ta' ċerti bidliet fil-Kodiċi tax-Xogħol magħmula mil-leġiżlatura tar-Repubblika tal-Litwanja, żdied dan li ġej fl-Artikolu 75(2).

"2. […] Fil-kuntest ta' dan l-obbligu, l-impriża utenti għandha, meta tintalab mill-aġenzija ta' xogħol temporanju, tipprovdi lil din tal-aħħar b'informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni mogħtija lill-impjegati tal-istess impriża utenti fil-kategorija relattiva".

## IV. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

15. Il-persuna li timpjega konvenuta kienet, fl-2012, offerenti b'suċċess sabiex jingħataw servizzi ta' membru tal-persunal temporanju lill-EIGE [11], terza fil-kawża prinċipali. Il-persuna li timpjega konvenuta kkonkludiet kuntratt mal-EIGE, li kien jispeċifika ċ-ċirkustanzi li fihom l-EIGE kien jirrikjedi persunal temporanju, inklużi t-tipi u l-kategoriji tal-profili tal-persunal rikjest u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-għanijiet tal-kuntratt kienu: is-sostenn tal-membri tal-persunal statutorju tal-EIGE; it-twettiq, fuq bażi temporanja, kompiti komplementari għal dawk li jinqalgħu b'mod ordinarju u li jirriżultaw minn proġetti speċifiċi; l-immaniġġar ta' perijodi b'ħafna xogħol għal perijodu ta' żmien definit; bħala rimedju għal meta ma kienx meta persunal suffiċjenti fl-EIGE fil-każ ta' assenzi minħabba ċerti raġunijiet speċifiċi. Il-persunal temporanju kellu jkun persunal mhux statutorju tal-EIGE, jiġifieri li ma jkunx skont jew irreklutat taħt ir-Regolamenti tal-Persunal [12].

16. Il-persuna li timpjega konvenuta ħabbret kompetizzjonijiet għal impjiegi li kienu jikkorrispondu mar-rekwiżiti tal-persunal tal-EIG, u ppubblikat avviż ta' taħriġ fis-sit internet tagħha u avviżi ta' impjieg. Hemmhekk ingħataw fil-qosor id-dettalji dwar f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol u l-kwalifiki li kienu rikjesti sabiex jimtlew il-pożizzjonijiet li kienu keskritti fil-qosor f'dawn l-avviżi [13].

17. Ir-rikorrenti kkonkludew kuntratti ta' xogħol temporanju mal-persuna li timpjega konvenuta, li ftiehmet li tħallashom paga bis-siegħa, li kienet tvarja skont ir-relazzjoni tal-impjieg. Il-pagi bis-siegħa li kellhom jingħataw kienu kif ġej: EUR 5.20 għal assistent fis-servizz ta' dokumentazzjoni; EUR 5.20 għal assistent fis-servizz tal-komunikazzjoni; EUR 4.34 għal assistent amministrattiv; EUR 5.20 għal assistent fis-servizz tal-persunal [14].

10 L-Artikolu 3(3) tal-Liġi dwar l-Impjieg minn Aġenziji ta' Xogħol Temporanju kien jipprevedi b'mod simili.

11 Dan intqal mill-EIGE fir-risposta tiegħu għal domandi bil-miktub mill-Qorti tal-Ġustizzja li kien f'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1). Dan ir-regolament ma għadux iktar fis-seħħ.

12 Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

13 Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

14 Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

18. Annessi li kienu jgħidu li l-EIGE kien l-impriża utenti kienu nthemżu mal-kuntratti ta’ xogħol temporanju. Indikati ukoll fl-annessi kienu l-membri tal-persunal tal-EIGE responsabbli għall-għoti ta’ struzzjonijiet sabiex jitwettaq ix-xogħol miftiehem [15].

19. Il-kuntratti kellhom jibqgħu fis-seħħ sat-terminazzjoni tal-impjieg b’ordni tal-impriża utenti l-EIGE. Fl-1 ta’ Jannar 2019, il-kuntratti tar-rikorrenti kollha kienu ġew itterminati. Minħabba f’hekk, quddiem id-Darbo ginčų komisija (il-“Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali, il-Litwanja”) ir-rikorrenti talbu li huma jirkupraw arretrati ta’ pagi mhux imħallsa.

20. B’deċiżjoni tal-20 ta’ Ġunju 2018 il-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali, li bbażat lilha nnifisha fuq id-Direttiva 2008/104 u fuq l-Artikolu 75(2) tal-Kodiċi tax-Xogħol, sabet li l-konvenuta kienet iddiskriminat kontra r-rikorrenti minħabba li huma kienu tħallsu pagi inqas minn dawk li huma kienu jirċievu kieku kienu ir-reklutati direttament mill-EIGE. Il-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali sabet li l-ħaddiema li kienu rreklutati bil-kuntratti ta’ xogħol temporanju wettqu l-funzjonijiet ta’ membri permanenti tal-persunal tal-EIGE. Il-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali ddeċidiet li r-rikorrenti kellhom jitħallsu remunerazzjoni li kienet tkun taqbel ma’ dik applikabbli għal membri tal-persunal bil-kuntratt tal-EIGE fil-grupp ta’ funzjoni II, grad 4 (kompiti klerikali u segretarjali, tmexxija ta’ uffiċċji u xogħol ekwivalenti ieħor, imwettqa taħt is-superviżjoni ta’ uffiċjali jew membru tal-persunal temporanju) [16]. Hija ordnat li jkun irkuprat il-pagament f’arretrati ta’ remunerazzjoni mingħand il-persuna li timpjega konvenuta għal perijodu ta’ sitt xhur matul l-2018 [17].

21. Il-persuna li timpjega konvenuta appellat, mingħajr suċċess, mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali quddiem il-Vilniaus miesto apylinkės teismas (il-Qorti Distrettwali tal-Belt ta’ Vilnjus, il-Litwanja”), liema qorti ċaħdet l-appell fl-20 ta’ Frar 2019. Il-persuna li timpjega konvenuta mbagħad appellat quddiem il-Vilniaus apygardos teismas (il-Qorti Reġjonali, Vilnjus, il-Litwanja). B’digriet tal-20 ta’ Ġunju 2019, l-appell ġie miċħud.

22. Il-persuna li timpjega konvenuta ppreżentat appell fuq punt ta’ liġi quddiem il-qorti tar-rinviju. Din il-qorti ddeċidiet, fit-30 ta’ Diċembru 2019 li l-kawża prinċipali kienet qajmet kwistjonijiet ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Hija għamlet id-domandi li ġejjin għal deċiżjoni preliminari:

“(1) X’tifsira għandha tingħata lill-espressjoni “impriża pubblika” użata fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija? L-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, bħall-EIGE, għandhom jitqiesu li huma “impriżi pubbliċi” fis-sens tad-Direttiva 2008/104?

(2) Liema entitajiet (l-aġenzija ta’ xogħol temporanju, l-impriża utenti, tal-inqas wieħed minnhom, jew saħansitra t-tnejn li huma) huma suġġetti, skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, għall-kriterju tal-eżerċizzju ta’ attivitajiet ekonomiċi? L-oqsma ta’ attività u l-funzjonijiet tal-EIGE, kif iddefiniti fl-Artikoli 3 u 4 tar-[Regolament Nru 1922/2006], għandhom jitqiesu li huma attivitajiet ekonomiċi fis-sens stabbilit (miftiehem) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104?

[15] Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

[16] Artikolu 80, KIAO.

[17] Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

(3) L-Artikolu 1(2) u (3) tad-Direttiva 2008/104 jista' jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jiġu esklużi mill-applikazzjoni tad-direttiva l-aġenziji pubbliċi u privati ta' xogħol temporanju jew l-impriżi utenti li ma humiex involuti fir-relazzjonijiet indikati fl-Artikolu 1(3) tad-direttiva u li ma jeżerċitawx l-attivitajiet ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-direttiva?

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 dwar id-drittijiet ta' ħaddiema temporanji ta' aġenziji għal kundizzjonijiet bażiċi ta' xogħol u ta' impjieg, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni, japplikaw bis-sħiħ għall-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, li huma suġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali tad-dritt tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea u għall-Artikoli 335 u 336 TFUE?

(5) Id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru (l-Artikolu 75 tal-Kodiċi tax-Xogħol Litwan) li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 applikabbli għall-impriżi kollha li jagħmlu użu minn ħaddiema temporanji (inklużi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni) jikser il-prinċipju ta' awtonomija amministrattiva ta' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea stabbilit fl-Artikoli 335 u 336 TFUE, u r-regoli dwar il-kalkolu u l-ħlas tal-pagi stabbiliti fir-[Regolamenti tal-Persunal]?

(6) Fid-dawl tal-fatt li l-pożizzjonijiet kollha (funzjonijiet ta' impjieg) li għalihom ħaddiema jiġu direttament irreklutati mill-EIGE jinkludu kompiti li jistgħu jiġu eżegwiti biss minn ħaddiema suġġetti għar-[Regolamenti tal-Persunal] tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjonijiet rispettivi (funzjonijiet ta' impjieg) ta' ħaddiema temporanji ta' aġenzija jistgħu jitqiesu li huma "l-istess impjieg" fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104?"

23. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti, mir-Repubblika tal-Litwanja u mill-Kummissjoni. Ma kienx hemm seduta, iżda mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub saru mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-EIGE u l-Kummissjoni wieġbu.

## V. Ġabra tal-osservazzjonijiet bil-miktub

24. Ir-rikorrenti jisħqu li l-EIGE la huwa parti u lanqas konvenut fil-kawża prinċipali, u bħala tali, l-EIGE lanqas ma huwa responsabbli skont l-Artikolu 75(2) tal-Kodiċi tax-Xogħol għall-ħlas tal-pagi tar-rikorrenti. Iż-żewġ partijiet huma entitajiet Litwani, u l-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 2008/104 ma tistax tiddgħajjef mill-istatus internazzjonali tal-EIGE. Li jsir hekk joħloq tensjoni soċjali.

25. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, u l-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, entitajiet bi skop mhux għall-profitt ma humiex awtomatikament esklużi milli jsegwu "attivitajiet ekonomiċi"[18]. Anzi, "attività ekonomika" tfisser l-attivitajiet kollha marbuta ma' operazzjonijiet ekonomiċi, indipendentement mill-interessi li għalihom huma jkunu segwiti. Id-diversi attivitajiet tal-EIGE (pereżempju, l-edukazzjoni, l-informazzjoni, il-ġbir tal-istatistika) għandhom natura ekonomika minħabba li l-eżerċizzju tagħhom jeħtieġ operazzjonijiet ekonomiċi, bħal li jsiru pagamenti. Attivitajiet volontarji biss ma humiex "attivitajiet ekonomiċi".

[18] Ir-rikorrenti jirreferu għas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, Betreibsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883).

26. Interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/104 li tippermetti aġenziji tal-Unjoni, bħall-EIGE, li jiddiskriminaw kontra ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, minħabba li l-persunal tal-EIGE rreklutat skont ir-Regolamenti tal-Persunal għandu status speċjali li ma jistax jitqabbel ma' dak ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, tkun kuntrarja għall-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2008/104.

27. L-assenza fid-dritt Litwan tal-kunċett ta' "attivitajiet ekonomiċi" fl-implimentazzjoni tiegħu tad-Direttiva 2008/104 permezz tal-Artikolu 75 tal-Kodiċi tax-Xogħol hija konsistenti mad-dritt tal-Unjoni [19]. Dsatax-il Stat Membru jimplimentaw id-Direttiva 2008/104 bl-istess mod bħal-Litwanja.

28. Ir-rikorrenti jissottomettu li kien ċar li l-EIGE seta' rrekluta persunal direttament, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, sabiex iwettaq l-istess xogħol amministrattiv bħal dak li għalih huma kienu rreklutati [20]. L-awtorità għal reklutaġġ dirett testendi minn xogħol manwali bħal dawk imwettqa minn porters u persunal tat-tindif għal kompiti ta' maniġers ta' livell għoli. Funzjonijiet imwettqa minn ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom jitqabblu ma' dawk ta' persunal permanenti tal-EIGE.

29. Quddiem il-qrati tal-Istat Membru r-rikorrenti ppreżentaw diversi provi (posta elettronika, dikjarazzjonijiet, eċċ.) li huma fil-fatt kienu jeżerċitaw mhux biss funzjonijiet ta' sostenn, iżda wkoll kompiti li jitwettqu biss minn persunal irreklutat direttament mill-EIGE (pereżempju, ippjanar u ġestjoni tal-baġit). Din hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun irrispettata, anki jekk, minn perspettiva legali, il-funzjonijiet tal-persunal permanenti tal-EIGE u r-rikorrenti ma jistgħux jitqabblu.

30. Fl-aħħar, ir-rikorrenti jinnotaw li huma kienu impjegati bħala ħaddiema temporanji għal perijodi ta' bejn 22 u 36 xahar. Il-kuntratti kienu ġew itterminati mill-EIGE wara li r-rikorrenti talbu pagament ta' pagi. Ir-remunerazzjoni li rċevew ir-rikorrenti kienet tvarja bejn EUR 700 u EUR 800, bejn wieħed u ieħor terz ir-remunerazzjoni tal-persunal tal-EIGE rreklutat direttament u li kien iwettaq funzjonijiet simili.

31. Ir-Repubblika tal-Litwanja tinnota, fil-kuntest tal-ewwel domanda magħmula, li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ta' ħaddiema temporanji huwa prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li ma jistax ikun interpretat b'mod ristrett [21]. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-Direttiva 2008/104 huwa rifless fl-interpretazzjoni wiesgħa li kienet ingħatat lill-kelma "ħaddiem" fl-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva [22] Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipproteġu lill-ħaddiema, derogi għandhom ikunu interpretati b'mod li jkun limitat għal dak li jkun strettament meħtieġ sabiex jitħarsu l-interessi li d-deroga tipproteġi [23].

19 Hawnhekk ir-rikorrenti jirreferu għall-għanijiet tad-Direttiva 2008/104 kif deskritt fl-Artikolu 2 tagħha u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2004 dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' Direttivi li jolqtu s-suq intern (ĠU 2005, L 98, p. 47).

20 Hawnhekk ir-rikorrenti jirreferu għall-Artikolu 80 tal-KIAO u għall-erba' gruppi ta' funzjonijiet imsemmija hemmhekk li jikkonċernaw kompiti.

21 Ir-Repubblika tal-Litwanja tirreferi għas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility (C-574/16, EU:C:2018:390, punti 36 sa 38 u għall-ġurisprudenza ċċitata). Isir riferiment ukoll dwar l-għan tad-Direttiva 2008/104, premessi 10 u 12 u l-Artikoli 2 u 5.

22 B'riferiment għas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883, punt 36).

23 B'riferiment għas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punt 40).

32. Fid-dawl ta' dan kollu, kull esklużjoni *ratione personae* mill-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 għandha tkun ċara u preċiża[24]. Ir-restrizzjoni ta' impjieg ta' ħaddiema temporanji fir-rigward ta' entitajiet irregolati mid-dritt pubbliku, bħall-EIGE, ma tikkorrispondi ma' ebda waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2008/104 dwar projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet permissibbli fuq l-użu ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[25]. It-tnaqqis fil-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji ta' aġenzija abbażi biss li dik l-impriża utenti tkun stabbilita fuq bażi legali differenti minn dik ipprovduta mid-dritt pubbliku ta' Stat Membru jwassal għal bażi oħra ta' diskriminazzjoni mhux iġġustifikata. Diġà huwa stabbilit, fil-prattika, li meta l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jirreklutaw ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, huma għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Istat Membru fejn huma jkunu jinsabu[26].

33. Ir-Repubblika tal-Litwanja tikkontendi li d-Direttiva 2008/104 timplimenta drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikolu 31 tal-Karta. B'hekk, it-tnejn japplikaw għall-EIGE bħala "impriża utenti", minħabba l-Artikolu 51(1) tal-Karta. L-istituzzjonijiet għandhom, skont l-obbligu tagħhom ta' lealtà, jieħdu inkunsiderazzjoni, fil-pożizzjoni tagħhom ta' persuni li jimpjegaw, ta' miżuri legali adottati fil-livell tal-Unjoni[27].

34. Dwar it-tieni u t-tielet domanda r-Repubblika tal-Litwanja taqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni[28]. L-Istati Membri, bħal-Litwanja, jistgħu jagħżlu kamp ta' applikazzjoni usa' tad-Direttiva 2008/104, direttiva ta' armonizzazzjoni minima, u jestenduha għal impriżi utenti li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi[29], sabiex b'hekk ma jkunx meħtieġ ikun deċiż jekk l-EIGE teżerċitax attivitajiet ekonomiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104.

35. Dwar ir-raba' u l-ħames domanda, ir-Repubblika tal-Litwanja tistqarr li, fl-assenza ta' regola speċifika fir-Regolamenti tal-Persunal, assenjazzjoni ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija tal-Unjoni bħala "impriża utenti" hija rregolata mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104 u mil-liġi tal-Istat Membru li tkun ittrasponitha (minħabba, b'mod partikolari, l-Artikolu 335 TFUE). Din hija l-pożizzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, li kellha dubji dwar il-legalità tal-attivitajiet ta' seba' aġenziji tal-Unjoni fir-rigward tal-konformità tagħhom mad-Direttiva 2008/104, inkluż l-EIGE[30].

36. Ma hemmx ksur la tal-prinċipju ta' awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lanqas tar-regoli dwar kif tinħadem ir-remunerazzjoni li jinsabu fir-Regolamenti tal-Persunal, fl-implimentazzjoni mil-Litwanja tad-Direttiva 2008/104. Kull differenza fit-trattament ta' istituzzjonijiet, organi u aġenziji tal-Union għandu jkun hemm provvediment għaliha f'regoli tad-dritt tal-Unjoni applikabbli direttament.

24 F'dan il-kuntest ir-Repubblika tal-Litwanja tirreferi għall-esklużjonijiet previsti fl-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2008/104.

25 Ara b'mod ġenerali s-sentenza tas-17 ta' Marzu 2015, AKT (C-533/13, EU:C:2015:173). Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija) (C-681/18, EU:C:2020:823, punt 43).

26 B'riferiment għas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727, punti 28 u 95).

27 B'riferiment għas-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727, punti 96, 105 u 106), u tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570, punt 39).

28 B'riferiment għal COM(2014)176 final.

29 B'riferiment għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/104 u għas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, Betreibsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883, punti 44 sa 47).

30 ĠU 2019, C 417, p. 1 (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?uri=uriserv:ĠU.C_.2019.417.01.0001.01.FRA&toc=ĠU:C:2019:417:TOC), punti 1.33 u 2.30.

37. Dwar is-sitt domanda r-Repubblika tal-Litwanja tinnota li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 huwa espressjoni konkreta tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza ta' trattament[31]. Il-kliem tal-Artikolu 5(1), "biex jokkupaw l-istess impjieg" jippermetti paragun ipotetiku ta' ħaddiema. Ma jistax ikun interpretat b'mod strett bħala li jfisser, pereżempju, li x-xogħlijiet inkwistjoni jridu jkunu identiċi, minħabba li, xort'oħra, ikun wisq faċli li wieħed jevadi l-obbligu stabbilit fih. Id-digriet tar-rinviju jgħid li l-EIGE talab għal reklutaġġ ta' ħaddiema temporanji sabiex isaħħaħ il-persunal statutorju tal-EIGE, sabiex jibda, b'mod partikolari, xogħlijiet komplementari, u sabiex jirrimedja għal li ma hemmx persunal biżżejjed fl-assenza ta' membri statutorji tal-persunal. Il-qorti tal-ewwel istanza sabet li, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntratti tal-impjieg tar-rikorrenti, u l-kompiti li fil-fatt kienu nbdew, il-ħaddiema temporanji kollha jwettqu, parzjalment jew kompletament, il-funzjonijiet ta' persunal permanenti tal-EIGE. Il-fatt li ħaddiema temporanji jistgħu jimlew il-pożizzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi jew aġenti fuq leave tal-mard jew leave parentali jirribatti l-argument li huwa pprojbit li funzjonijiet statutorji jiġu fdati lil dawk barra mir-Regolamenti tal-Persunal.

38. Il-Kummissjoni targumenta, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni domanda, li kemm l-aġenzija ta' xogħol temporanju kif ukoll impriżi utenti għandhom jeżerċitaw attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/14. Din l-interpretazzjoni hija wkoll sostnuta mill-oriġini tagħha[32].

39. Madankollu l-Kummissjoni tirrikonoxxi, abbażi tal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, li l-EIGE ma jistax ikun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha minħabba li huwa impriża pubblika. Iżda l-Kummissjoni tikkontendi li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-EIGE ma huwiex jeżerċita attività ekonomika[33], prinċipalment minħabba li l-EIGE ma joffrix prodotti jew servizzi f'suq partikolari u ma jikkompetix ma' dawk li huma offerti minn impriża oħra.

40. Insegwitu, fir-rigward tat-tielet domanda, il-Kummissjoni tipproponi li tifformulaha kif ġej: "Għandu l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 ikun interpretat fis-sens li ma jipprekludi dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru li skonthom id-Direttiva 2008/104 tkun tapplika għal aġenziji jew impriżi utenti ta' xogħol temporanju li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi?" Il-Kummissjoni tipproponi risposta fin-negattiv għal din id-domanda[34].

41. Dwar ir-raba' u l-ħames domanda l-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija li l-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 jirrikjedi li r-rikorrenti jkunu ttrattati bl-istess mod bħal impjegati rreklutati direttament mill-EIGE skont il-liġi Litwana, għall-kuntrarju ta' reklutaġġ permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju, iżda mhux dawk

[31] Isir riferiment hawnhekk għas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility (C-574/16, EU:C:2018:390, punt 46).

[32] Il-Kummissjoni tirreferi, dwar dan, għall-Artikolu 1(2) tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni fir-rigward tad-direttiva (COM/2002/0149 final); għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2002 u għall-proposta modifikata tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2002.

[33] Il-Kummissjoni tistrieħ fuq is-sentenzi tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-47/08, EU:C:2011:334, punt 96); tas-6 ta' Settembru 2011, Scattolon (C-108/10, EU:C:2011:542, punt 44) u tas-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883, punti 44 u 47). Hija tistrieħ ukoll fuq il-premessa 10 u fuq l-Artikoli 2, 3 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1922/2006.

[34] F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa 23 u għall-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/104, il-bażi legali tad-direttiva, jiġifieri l-Artikolu 153(2) TFUE (ex 137(2) KE), l-Artikolu 153(4) TFUE u s-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punti 39 sa 42); tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem (C-28/95, EU:C:1997:369, punt 33); u tad-19 ta' Novembru 2019, TSN u AKT (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981, punt 48). Il-Kummissjoni żżid tgħid fir-risposta tagħha għal domandi bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja li dawn il-liġijiet nazzjonali ma jistgħux jiksru l-Artikolu 336 TFUE li jagħti awtonomija lill-Unjoni fir-rigward tar-Regolament tal-Persunal.

impjegati abbażi tar-Regolamenti tal-Persunal[35]. L-EIGE ddeċieda li jimpjega ħaddiema temporanji skont il-liġi tal-Istat Membru u din l-għażla hija leġittima skont id-dritt tal-Unjoni, konformement mal-Artikoli 272 u 335 TFUE. Il-kapaċità hemmhekk irrikonoxxuta li wieħed jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali testendi għal kuntratti ta' impjieg u ta' provvista ta' servizzi[36]. Tali reklutaġġ ikun biss illeġittimu jekk isir sabiex tkun evitata l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal[37], iżda l-istituzzjonijiet għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fl-għażla tal-mezzi l-iktar adattati għal reklutaġġ. Jippermetti iktar flessibbiltà mill-kundizzjonijiet applikabbli għal ħaddiema fil-kategorija ta' membri tal-persunal bil-kuntratt[38].

42. Il-Kummissjoni tgħid ukoll li d-direttivi huma indirizzati lill-Istati Membri u ma jistgħux fihom u minnhom innifishom jimponu obbligi fuq istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' persunal[39]. Skont l-Artikolu 336 TFUE huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jiddeterminaw ir-regoli applikabbli għal dawn ir-relazzjonijiet, għalhekk huwa biss eċċezzjonalment li direttivi huma applikabbli indirettament[40], għalkemm direttivi jistgħu jkunu għajn ta' ispirazzjoni sabiex ikunu stabbiliti l-obbligi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-funzjonijiet pubbliċi tal-Unjoni[41], u l-istituzzjonijiet, fil-aġir tagħhom bħal persuni li jimpjegaw, għandhom iqisu regoli leġiżlattivi tal-Unjoni[42]. Dan japplika biss għal uffiċjali pubbliċi u għal aġenti oħra li jaqgħu fil-portata tar-Regolamenti tal-Persunal u b'hekk mhux għar-rikorrenti.

43. Din hija r-raġuni għaliex is-sitwazzjoni tar-rikorrenti għandha għalhekk titqabbel, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104, ma' dik ta' persunal irreklutat direttament mill-EIGE skont il-liġi Litwana, u mhux skont dik tal-persunal statutorju tal-Unjoni. Dan il-mod huwa konformi mal-prinċipju ta' awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Persuna li ma tkunx irreklutata minn istituzzjoni tal-Unjoni iżda minn persuna ġuridika skont il-liġi ta' Stat Membrum bħal aġenzija ta' xogħol temporanju, ma tistax titqies li ġiet irreklutata minn ekwivalenti ta' awtorità amministrattiva u ma tistax tikseb l-istatus ta' uffiċjal tal-Unjoni[43]. Interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/104 li skontha membri tal-persunal temporanju kienu effettivament tqiesu l-istess bħal membri tal-persunal bil-kuntratt iġġib riskju ta' ksur tal-awtonomija tal-Unjoni[44] u toħloq diffikultajiet prattiċi li ma jkunux jistgħu jintgħelbu[45]. Il-Kummissjoni tistaqsi jekk għandux japplika l-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni[46].

[35] Il-Kummissjoni tinnota li r-Regolamenti tal-Persunal jirregolaw ir-relazzjoni legali bejn istituzzjonijiet u l-persunal tagħhom u joħolqu drittijiet u obbligi reċiproċi. Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenzi tat-22 ta' Frar 2006, Adam vs Il-Kummissjoni (T-342/04, EU:T:2006:61, punt 34) u tat-12 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs Q (T-80/09 P, EU:T:2011:347, punt 41).

[36] Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenzi tad-19 ta' Lulju 1999, Mammarella vs Il-Kummissjoni (T-74/98, EU:T:1999:159, punti 39 u 40) u tas-6 ta' Diċembru 1989, Mulfinger *et* vs Il-Kummissjoni (C-249/87, EU:C:1989:614, punt 10).

[37] Sentenza tas-6 ta' Diċembru 1989, Mulfinger *et* vs Il-Kummissjoni (C-249/87, EU:C:1989:614, punti 11 u 14).

[38] Il-Kummissjoni tirreferi, b'mod partikolari, għas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2015, Il-Kummissjoni vs D'Agostino (T-670/13, EU:C:2015:877, punt 32).

[39] Hawnhekk il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Carreras Sequeros *et* vs Il-Kummissjoni (T-518/16, EU:T:2018:873, punt 60) (fl-appell C-119/19 P)

[40] Hawnhekk il-Kummissjoni tirreferi għall-eżempju tas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570, punt 46).

[41] Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tas-7 ta' Frar 2019, RK vs Il-Kunsill (T-11/17, EU:T:2019:65, punti 68 u 70).

[42] Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Carreras Sequeros *et* vs Il-Kummissjoni, T-518/16, EU:T:2018:873, punt 61).

[43] Il-Kummissjoni tirreferi għad-digriet tas-6 ta' Lulju 2001, Dubigh u Zaur-Gora vs Il-Kummissjoni (T-375/00, EU:T:2001:181, punt 21).

[44] Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1985, Tordeur (232/84, EU:C:1985:392, punt 27).

[45] Jiġifieri, liema elementi ta' paga ta' aġent kuntrattwali għandhom jitqiesu; liema sistema fiskali għandha titqies, meħud inkunsiderazzjoni li l-kundizzjonijiet applikabbli skont is-sistema nazzjonali u s-sistema tal-Unjoni huma kompletament differenti.

[46] ĠU 2016, C 202, p. 266.

44. Dwar is-sitt domanda l-Kummissjoni tissottometti li l-qorti tal-Istat Membru għandha tivverifika jekk ir-rikorrenti wettqux xogħlijiet amministrattivi, jew pjuttost xogħlijiet b'rabta mal-"attivitajiet prinċipali" u kompiti tal-EIGE skont ir-regolament tat-twaqqif tiegħu, sabiex jiġi vverifikat jekk l-għan kienx li tkun evitata l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, l-EIGE ma qabiżx il-limiti tad-diskrezzjoni tiegħu meta rrekluta ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija skont il-liġi Litwana. Għajnuna amministrattiva ma għandhiex titqies bħala kompitu li għandu jitwettaq mill-EIGE stess[47]. Il-qorti tar-rinviju ma hijiex kompetenti tikkwalifika mill-ġdid il-kuntratti inkwistjoni bħala kuntratti rregolati mill-CEOS, minħabba li r-rikorrenti ma kinux ikkonkludew il-kuntratti tagħhom mal-EIGE, iżda mal-persuna li timpjega konvenuta (aġenzija ta' xogħol temporanju), u minħabba li fil-kawża prinċipali l-EIGE huwa terz.

## VI. Analiżi

## VII. Formulazzjoni mill-ġdid tad-domandi magħmula

45. Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE, li tipprevedi kooperazzjoni bejn qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija din tal-aħħar li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'risposta li tkun utli għaliha u li biha hija tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Għal dan il-għan il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha[48].

46. F'din il-kawża huwa ċar mit-talba għal deċiżjoni preliminari li l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddeċiedi jekk aġenzija tal-Unjoni, bħall-EIGE, hijiex skont il-kunċett ta' "impriża utenti" skont id-Direttiva 2008/104; jekk fl-affermattiv, jekk l-implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Litwanja tat-terminu "impriża utenti" sabiex jinkludi impriżi li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi, tfissirx li l-assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija lil tali impriżi hijiex regolata mid-Direttiva 2008/104; jekk fin-negattiv, jekk l-EIGE huwiex bħal "impriżi pubbliċi u privati li huma aġenziji ta' xogħol temporanju jew impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le" skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104; u jekk fl-affermattiv, jekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 dwar ugwaljanza ta' trattament għall-EIGE fil-kapaċità tiegħu ta' "impriża utenti", u fil-kuntest ta' tilwima bejn żewġ partijiet privati li fiha l-EIGE huwa intervenjent terz, tkunx ta' preġudizzju għall-awtonomija amministrattiva tal-EIGE[49] u għar-Regolamenti tal-Persunal.

47. Għalhekk nissuġġerixxi li nifformula mill-ġdid is-sitt domandi magħmula fl-erba' domandi li ġejjin.

(1) Huma "impriżi utenti" skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2008/104, aġenziji tal-Unjoni Ewropea bħall-EIGE?

[47] Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1989, Mulfinger *et* vs Il-Kummissjoni (C-249/87, EU:C:1989:614).

[48] Pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Hamburg (C-416/20 PPU, EU:C:2020:1042, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[49] Ara l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1922/2006 u l-Artikoli 335 u 336 TFUE.

(2) Id-Direttiva 2008/104 għandha tkun interpretata bħala li tipprekludi l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 għal assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija lil impriżi utenti li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi?

(3) Għandhom l-oqsma ta' attività u l-funzjonijiet tal-EIGE, kif iddefiniti fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Nru 1922/2006 jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104?

(4) Meta l-qrati ta' Stati Membri kkonċernati kkonstataw li l-funzjonijiet kollha tal-pożizzjonijiet u tal-impjieg imwettqa minn ħaddiem temporanji permezz ta' aġenziji jinkludu kompiti li jitwettqu esklużivament minn ħaddiema impjegati skont ir-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jistgħu l-funzjonijiet ta' pożizzjonijiet u impjieg ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija jitqiesu bħala li huma "l-istess impjieg[i]" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104, jew li tali interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 hija inkonsistenti mal-awtonomija amministrattiva tal-EIGE u/jew mar-Regolamenti tal-Persunal? [50]

## VIII. Risposti għad-domandi kif ifformulati mill-ġdid

## IX. Ir-risposta għall-ewwel domanda

48. Ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv. Aġenziji tal-Unjoni, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, huma "impriżi utenti" skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1)(d) tiegħu.

49. Il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li istituzzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-Bank Ċentrali Ewropew, hija "impriża utenti" għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, għalkemm mingħajr ma elaborat dwar ir-raġunament tagħha [51]. Dan kien x'aktarx konsegwenza loġika tal-fatt li, ferm qabel ma nħarġet id-Direttiva 2008/104, istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu jirrikorru għal aġenziji ta' xogħol temporanju sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' persunal temporanju permezz ta' kuntratti ta' impjieg irregolati mid-dritt nazzjonali ta' fejn tkun tinsab l-istituzzjoni tal-Unjoni inkwistjoni [52].

50. Minbarra dan, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda fl-2006 li l-fatt li kuntratt ta' impjieg għal żmien determinat kien ġie konkluż ma' korp regolat mid-dritt internazzjonali pubbliku ma kienx, bħala tali, biżżejjed sabiex jipprekludi r-rilevanza tat-tilwima dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tad-Direttiva 1999/70 u għal Ftehim Qafas abbinat magħha [53]. Fid-dawl ta' dan, naqbel mal-argumenti magħmula mir-Repubblika tal-Litwanja (ara l-punt 30 iktar 'il fuq) jiġifieri li jrid ikun hemm kliem ċar sabiex jitneħħew istituzzjonijiet tal-Unjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 13 TUE jew aġenziji tal-Unjoni [54] mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104.

[50] Ara l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1922/2006 u l-Artikolu 335 TFUE.

[51] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727, punt 102).

[52] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1985, Tordeur (232/84, EU:C:1985:392) u d-digriet tas-6 ta' Lulju 2001, Dubigh u Zaur-Gora vs Il-Kummissjoni (T-375/00, EU:T:2001:181) li kienu dwar assenjazzjoni lill-Kummissjoni ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija mingħand aġenzija ta' xogħol temporanju bl-isem ta' Manpower. Ara iktar 'il quddiem, pereżempju, id-digriet tal-15 ta' Settembru 2010, Briot (C-386/09, EU:C:2010:526).

[53] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Landgren vs ETF (F-1/05, EU:F:2006:112). Dwar ir-rabta bejn id-Direttiva 2008/104 u d-Direttiva 1999/70 ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 iktar 'il fuq.

[54] Nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq.

51. Formulazzjoni ċara bħal din ma tidhirx fid-Direttiva 2008/104. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2008/104 jiddefinixxi "impriża utenti" b'mod wiesa' bħala li tfisser "*kwalunkwe* persuna fiżika jew ġuridika li ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jaħdem temporanjament għaliha taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha" (enfasi tiegħi); filwaqt li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1922/2006 jgħid li "L-Istitut għandu jkollu personalità ġuridika. Huwa għandu jgawdi, f'kull wieħed mill-Istati Membri, mill-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom. B'mod partikolari, huwa jkun jista' jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jista' jkun parti fi proċedimenti legali." Għalhekk, analiżi kontestwali, li tinterpreta l-Artikolu 3(1)(d) u l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/104 fid-dawl tar-Regolament Nru 1922/2006, tindika bl-istess mod li aġenzija bħall-EIGE tkun inkluża fil-parametri ta' "impriża utenti" għall-finijiet tad-Direttiva 2008/104[55].

52. Fil-fatt, l-uniċi limitazzjonijiet testwali għat-terminu "impriża utenti" jidhru fl-Artikolu 1(2), li jżid il-kliem "impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le" (ara wkoll iktar 'il quddiem il-punti 64 sa 71). L-ebda waħda mid-derogi għad-Direttiva 2008/104 ma hija relatata b'xi mod speċjali jew speċifiku ma' aġenziji tal-Unjoni, peress li dawn id-derogi fl-Artikolu 1(3) huma dwar "kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg konklużi taħt programm speċifiku pubbliku jew sostnut b'mezzi pubbliċi ta' taħriġ vokazzjonali, ta' integrazzjoni jew ta' taħriġ mill-ġdid", u l-Artikolu 4(1) dwar "raġunijiet ta' interess ġenerali li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-ħtieġa li jkun żgurat li s-suq tax-xogħol jaħdem tajjeb u jiġu prevenuti l-abbużi". Ma hemm l-ebda riferiment għall-aġenziji tal-Unjoni fl-Artikolu 5(2) u (4) tad-Direttiva 2008/104 li jikkonċernaw limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

53. Il-miri u l-għanijiet tad-Direttiva 2008/104 lanqas ma jsostnu li aġenziji tal-Unjoni jkunu esklużi mill-kunċett ta' "impriżi utenti". L-għanijiet doppji tad-direttiva huma li jkunu żviluppati forom flessibbli ta' xogħol, filwaqt li jinkiseb livell ogħla ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali warajhom. Dik il-leġiżlazzjoni soċjali hija intiża sabiex jinkiseb bilanċ bejn flessibbiltà u sigurtà fis-suq tal-impjiegi, u din issejħet "flessigurtà"[56]. It-test tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/104 essenzjalment jindirizza erba' għanijiet: il-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, il-garanzija tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-ħolqien ta' impjiegi u l-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' kif isir ix-xogħol. B'hekk id-direttiva għandha l-għan li tistimula aċċess lil ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għal impjieg permanenti permezz tal-impriża utenti[57]. Il-ħolqien ta' impjiegi u parteċipazzjoni u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol huma għanijiet ewlenin[58]. Mill-proċess tal-qorti ma jidhirx li hemm inkonsistenza bejn dawn l-għanijiet u impjiegi offruti minn aġenziji tal-Unjoni. L-EIGE huwa protagonista attiv fis-suq tal-impjiegi Litwan, u l-oriġini tal-Artikolu 1(2) lanqas ma jissuġġerixxu l-esklużjoni ta' aġenziji bħall-EIGE mill-portata tiegħu[59].

55 Dwar id-diversi modi li bihom "il-kuntest" jolqot l-interpretazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pinckernelle (C-535/15, EU:C:2016:996, punt 40).

56 Ara l-analiżi tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest tax-xogħol temporanju) (C-681/18, EU:C:2020:300, speċjalment fil-punt 36 u s-sorsi riferiti fihom).

57 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest tax-xogħol temporanju) (C-681/18, EU:C:2020:823, punt 51). Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-premessa 15 u għall-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104.

58 *Ibid.*, punt 50. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-premessa 11.

59 Dwar ix-xogħol preparatorju għall-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, ara r-Rapport tal-Grupp ta' Esperti "Traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE dwar Xogħol temporanju permezz ta' aġenzija", Il-Kummissjoni Ewropea, Awwissu 2011, p. 6 sa 9 (iktar 'il quddiem ir-"Rapport tal-2011 tal-Grupp ta' Esperti").

54. It-terminu "impriżi utenti għad irid jiġi kkunsidrat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[60], huwa għandu jkun interpretat b'mod wiesa', sabiex ma jippreġudikax il-ksib tal-għanijiet tad-Direttiva 2008/104, u, b'hekk, tiddgħajjef l-effikaċja tagħha, billi jkun ristrett b'mod mhux ordinat u mhux ġustifikat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan huwa hekk minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni dwar it-tifsira ta' "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija" skont l-Artikolu 3(1)(ċ) u l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104[61]. Ma hemmx raġuni għaliex ma jiġix applikat dan l-imperattiv għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/104 li jirrikjedu interpretazzjoni fil-kawża prinċipali.

## X. Ir-risposta għat-tieni domanda

55. Ir-risposta għat-tieni domanda hija fl-affermattiv. Id-Direttiva 2008/104 għandha tkun interpretata fis-sens li tipprekludi l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 għal assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz aġenzija lil impriżi utenti li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi.

56. Għandu jiġi ammess li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet bħala talbiet ammissibbli għal deċiżjoni preliminari fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni meta l-fatti fil-kawża jkunu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda meta dawk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jkunu ġew reżi applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali minħabba riferiment magħmul minn dan tal-aħħar għall-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni[62]. Dan kien jinkludi sitwazzjonijiet li fihom sitwazzjoni nazzjonali ssegwi l-istess metodu, minħabba leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, kif previst mid-dritt tal-Unjoni, u dan jinkludi sitwazzjonijiet purament interni[63]. Kif l-Avukat Ġenerali Bobek osserva dan l-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tirregola sitwazzjonijiet 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura kkonċernata tal-Unjoni, leġiżlazzjoni nazzjonali tadotta l-istess soluzzjonijiet bħal dawk adottati f'dik il-miżura, dan ikun b'mod ċar fl-interess tal-Unjoni li, sabiex ma tħallix ikun hemm diverġenzi ta' interpretazzjoni fil-ġejjieni, dispożizzjonijiet meħuda minn dik il-miżura għandhom ikunu interpretati b'mod uniformi[64].

57. Madankollu, kuntrarju għall-pożizzjoni meħuda mir-Repubblika tal-Litwanja u mill-Kummissjoni (ara l-punti 34 u 40 iktar 'il fuq, rispettivament) hemm mill-inqas erba' ostakoli għall-applikazzjoni ta' dik li hija magħrufa bħala l-linja Dzodzi ta' ġurisprudenza, li fiha kien stabbilit dan il-prinċipju[65].

60 Għandu jkun innotat li s-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883) kienet dwar jekk aġenzija ta' xogħol temporanju kinitx involuta f'"attivitajiet ekonomiċi". Ma kkunsidratx din il-kwistjoni fil-kuntest ta' impriża utenti.

61 *Ibid.*, punt 36.

62 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, Belgische Staat (C-469/18 u C-470/18, EU:C:2019:895, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Ara, pereżempju s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, I.G.I. (C-394/18, EU:C:2020:56, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punt 2). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, K u B (C-380/17, EU:C:2018:877, punt 35).

65 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360).

58. Fl-ewwel lok, tema dominanti fil-ġurisprudenza hija l-identifikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' liġi ta' Stat Membru li "b'mod dirett u inkondizzjonat tapplika l-miżura tal-Unjoni għal kuntest mhux previst minn dik il-miżura"[66]. Ebda dispożizzjoni bħal din ifformulata b'mod ċar ma tidher fil-proċess tal-qorti, u li l-kliem "impenjati f'attivitajiet ekonomiċi" tal-Artikolu 75(2) tal-Kodiċi tax-Xogħol, li sempliċement tħalla barra, ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit[67].

59. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sentenza Dzodzi ma tistax tapplika għal sitwazzjonijiet li dwarhom id-direttiva inkwistjoni tipprevedi li jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha[68]. L-ispeċifikazzjoni "impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le" tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 tkun titlef it-tifsira tagħha jekk il-liġijiet stabbiliti mid-Direttiva 2008/104 kellhom ikunu estiżi għall-assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija lil impriżi utenti li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi.

60. Fit-tielet lok, eżaminata l-ġurisprudenza iktar fil-wisa', u sabiex ikun adottat mill-ġdid ir-raġunament tal-Avukat Ġenerali Bobek, dak li huwa ċentrali huwa jekk id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ntalbet l-interpretazzjoni tagħha kinitx intużat mil-leġiżlatur f'kuntest li kien wisq lil hinn wisq minn dak oriġinali[69]. Il-kuntest oriġinali huwa limitat għal impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi, għalkemm wieħed li huwa ristrett bl-ispeċifikazzjoni, fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, "kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le"[70]. L-applikazzjoni tad-Direttiv 2008/104 lil hinn dawn il-parametri testendiha għal kuntest remot u indefinit, b'kuntradizzjoni diretta mal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) ta; dik id-direttiva.

61. Fir-raba' lok, għandu jkun innotat li d-Direttiva 2008/104 jistabbilixxi qafas protettiv[71] sabiex titjieb il-protezzjoni minima ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija[72] fir-rigward tal-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u l-impjieg tagħhom[73]. L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward ta' direttivi ta' armonizzazzjoni minima, sa fejn Stat Membru jagħżel li jeżerċita diskrezzjoni sabiex imur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tagħhom[74], huwa ma jkunx qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta[75]. Bl-istess mod, għalhekk, id-Direttiva 2008/104 ma tistax tkun rilevanti għall-interpretazzjoni tal-liġi Litwana fir-rigward ta' impriżi li ma jkunux impenjati f'attivitajiet ekonomiċi fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) ta'

66 Sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, K u B (C-380/17, EU:C:2018:877, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 1995, Kleinwort Benson (C-346/93, EU:C:1995:85, punti 20);.

67 Ara, b'mod partikolari s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:1011); tal-4 ta' Ġunju 2020, C.F. (Awditu tat-taxxa) (C-430/19, EU:C:2020:429, punt 26); u tal-10 ta' Settembru 2020, Tax-Fin-Lex (C-367/19, EU:C:2020:685, punt 21).

68 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (C-583/10, EU:C:2012:638, punti 33 sa 34, 43 u 54).

69 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punt 50).

70 Ara b'mod simili s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:1011, punti 46 u 47).

71 Premessa 12 tad-Direttiva 2008/104.

72 Premessa 18 tad-Direttiva 2008/104. Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonjiet misuċċessivi fil-kuntest tax-xogħol temporanju) (C-681/18, EU:C:2020:823).

73 Premessa 14 tad-Direttiva 2008/104.

74 Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/104.

75 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, TSN u AKT (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981, punt 52). Fil-punt 50 il-Qorti tal-Ġustizzja ddistingwiet bejn direttivi li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' implimentazzjoni, u "[is]-sitwazzjoni fejn att tal-Unjoni jagħti lill-Istati Membri libertà tal-għażla bejn diversi metodi ta' applikazzjoni jew setgħa ta' diskrezzjoni jew ta' evalwazzjoni li tifforma parti integrali mis-sistema stabbilita minn dak l-att, jew inkella mis-sitwazzjoni li fiha tali att jawtorizza l-adozzjoni, mill-Istati Membri, ta' miżuri speċifiċi intiżi sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għan tagħha". Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan, fil-kawża KV (Għajnuna għall-akkomodazzjoni) (C-94/20, EU:C:2021:155, punt 64) u tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19 u C-355/19, EU:C:2020:746, punt 190). Nirrikonoxxi li d-Direttiva 2008/104, mhux bħad-direttiva inkwistjoni fil-kawża TSN u AKT, ma għandha ebda dispożizzjoni speċifika li tippermetti lill-Istati Membri jdaħħlu miżuri iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-ħaddiema. Id-Direttiva 2008/104 hija, madankollu, direttiva ta' armonizzazzjoni minima, li r-rekwiżiti tagħha kienu nqabżu fl-implimentazzjoni tagħha fil-Litwanja.

dik id-direttiva, u li lilhom jkunu ġew assenjati ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija[76]. Dan japplika għad-dsatax-il Stat Membru kollha li implimentaw id-Direttiva 2008/104 bl-istess mod bħal-Litwanja (ara l-punt 27 iktar 'il fuq).

## XI. Risposta għat-tielet domanda

62. Ir-risposta għal din id-domanda hija fl-affermattiv. L-oqsma ta' attività u funzjonijiet tal-EIGE, kif iddefiniti fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Nru 1922/2006, għandhom jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104.

63. Dan huwa hekk għar-raġunijiet li ġejjin.

64. L-ewwel, fil-kuntest ta' miżura oħra ta' politika soċjali tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[77], il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod strett iċ-ċirkustanzi li fihom impriżi pubbliċi huma preklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għax ma jkunux jeżerċitaw "attivitajiet ekonomiċi", u ddeċidiet li tali ċirkustanzi huma limitati għal "riorganizzazzjoni tal-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika jew it-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi"[78]. Il-fatt li l-EIGI huwa awtorità pubblika fih innifsu ma jżommx lill-EIGE milli jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 bħala "impriża utenti"[79]. Kif wieħed jista' jara mid-diskussjoni iktar 'il quddiem fil-punti 67 u 68, dwar il-kompiti ta' EIGE u l-oqsma tal-attività tiegħu (ara, rispettivament, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Nru 1922/2006), flimkien mal-għanijiet tiegħu (Artikolu 2), l-EIGE ma jistax jitqies li qed jeżerċita attivitajiet li huma tal-eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi[80].

65. It-tieni, l-oriġini tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 isostnu interpretazzjoni wiesgħa ta' din id-direttiva sabiex tkun evitata kompetizzjoni inġusta[81], kif tagħmel il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja; il-kunċett ta' "attivitajiet ekonomiċi" itendi li jiġi interpretat b'mod

[76] Għandu jkun innotat, madankollu, li anki għalkemm assenjazzjoni għal tali impriżi mhijiex suġġetta għall-obbligu inerenti tal-Artikolu 31 tal-Karta dwar id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti, tali impriżi jibqgħu rregolati kemm mid-drittijiet fundamentali kif iggarantiti mid-dritt Litwan, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971). Dan japplika għad-dsatax-il Stat Membru kollha li kienu implimentaw id-Direttiva 2008/104 bl-istess mod bħal-Litwanja.

[77] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98.

[78] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża ISS Facility Services (C-344/18, EU:C:2019:1009, punt 41), b'riferiment għas-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1996, Henke (C-298/94, EU:C:1996:382, punt 14); tas-26 ta' Settembru 2000, Mayeur (C-175/99, EU:C:2000:505, punt 33) u tal-11 ta' Novembru 2004, Delahaye (C-425/02, EU:C:2004:706, punt 30).

[79] *Ibid.*

[80] Pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Piscarreta Ricardo (C-416/16, EU:C:2017:574, punti 34 u 35).

[81] Ara l-pożizzjoni meħuda mill-imsieħba soċjali fir-Rapport tal-2011 tal-Grupp ta' Esperti, nota ta' qiegħ il-paġna 59 iktar 'il fuq, p. 8.

wiesa’[82], indipendentement mis-settur ta’ kompetenza tal-Unjoni li fih tinqala l-kwistjoni[83]. Wieħed għandu jiftakar dan fl-applikazzjoni għall-kawża prinċipali tat-tifsira mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-kliem “attivitajiet ekonomiċi” tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, fis-sentenza tagħha tas-17 ta’ Novembru 2016, Betriebsraat der Ruhrlandklinik GmbH[84]. Konsegwentement, id-domanda li għandha tingħata risposta għaliha hija jekk l-EIGE jeżerċitax xi attività li tikkonsisti f’offerti ta’ prodotti jew servizzi f’suq partikolari[85].

66. F’dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li skont l-Artikolu 14(3)(b) tar-Regolament Nru 1922/2006, id-dħul tal-istitut għandu jinkludi “ħlasijiet riċevuti għal servizzi mogħtijin”, sabiex, kif ipprevediet il-leġiżlatura tal-Unjoni, l-EIGE ikun qiegħed jaġixxi bħala parteċipant fis-suq, anki jekk sal-lum, u kif jingħad mill-EIGE fir-risposta tiegħu lill-qorti għad-domandi bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa kien iffinanzjat esklużivament mill-Kummissjoni.

67. Iktar minn hekk, l-għanijiet tar-Regolament Nru 1922/2006 kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tiegħu jippermettu l-identifikazzjoni ta’ firxa ta’ swieq miftuħa għall-provvista ta’ prodotti jew servizzi; li tkun influwenzata l-politika nazzjonali jew tal-Unjoni huwa qasam klassiku ta’ attività ta’ lobbisti kummerċjali; l-għoti ta’ għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ma huwiex monopolju tal-EIGE mal-Ewropa kollha; ukoll ma jingħad xejn fir-Regolament Nru 1922/2006 dwar għajnuna sabiex l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata fil-politika tal-Unjoni u fil-politika nazzjonali tkun il-qasam esklużiv tal-EIGE, u titwettaq minn firxa wiesgħa ta’ atturi.

68. Eżempji ta’ attivitajiet li jikkonsistu f’offerti ta’ prodotti u servizzi u li jinvolvu lil impriżi kummerċjali huma inklużi fost il-kompiti tal-EIGE kif elenkati fl-Artikolu 3. Eżempji prominenti huma: it-tixrid ta’ data u informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi lil, b’mod partikolari, ċentri ta’ riċerka u korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, organizzazzjonijiet mhux governattivi u msieħba soċjali (Artikolu 3(1)(a)); it-tixrid ta’ għodod ta’ metodoloġija lil istituzzjonijiet tal-Unjoni u awtoritajiet governattivi tal-Istati Membri (Artikolu 3(1)(ċ)); li jsir stħarriġ dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi (Artikolu 3(1)(d)); l-organizzazzjoni ta’ konferenzi (Artikolu 3(1)(ġ)); u l-iżvilupp ta’ djalogu ma’ firxa ta’ korpi (Artikolu 3(1)(i)). Attivitajiet ta’ entitajiet oħra huma rrikonoxxuti fl-Artikolu 4(3), fosthom “istituzzjonijiet oħrajn, korpi u organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali kompetenti”.

69. Nirrikonoxxi li l-EIGE qal fir-risposta tiegħu għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li x-xogħol ewlieni tiegħu huwa l-ġbir ta’ data u l-analiżi u t-tixrid ta’ data, u li dan huwa l-unika għajn ta’ data li tista’ titqabbel bejn irġiel u nisa kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f’dak nazzjonali. Madankollu, il-leġiżlazzjoni miġbura fil-qosor iktar ’il fuq turi li dan mhux l-unika attività tiegħu.

82 Pereżempju, kif osservajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Topfit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:181, punt 53), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tal-11 ta’ April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 51), kawża dwar restrizzjoni għall-moviment liberu, li għotjiet (finanzjarji) abbażi ta’ riżultati sportivi, u mill-gvern, flimkien ma’ sponsorship privat, kienu kollha rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk atleta dilettant kienx jeżerċita attivitajiet ekonomiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta’ Ġunju 2019, *TopFit u Biffi* (C-22/18, EU:C:2019:497) ma eżitatx tiddeċiedi favur id-drittijiet ta’ D. Biffi għall-moviment liberu bħala ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 TFUE, għalkemm il-kawża kienet dwar atletika tad-dilettanti; fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, ara pereżempju, is-sentenza tal-1 ta’ Lulju 2008, MOTOE (C-49/07, EU:C:2008:376).

83 Naqbel mar-raġunament adottat mill-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard fil-kawża Øe in Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:518, punt 47) li, minħabba li d-definizzjoni ta’ eżerċizzju f’“attività ekonomika” ma hijiex ċara mill-kontenut tad-Direttiva 2008/104, jew mix-xogħol preparatorju, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tistrieħ fuq it-tifsira ta’ “attività ekonomika” f’oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni.

84 C-216/15, EU:C:2016:883.

85 *Ibid.*, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

70. Fl-aħħar, għalkemm il-proċess jindika anki meta l-attivitajiet kollha tal-EIGE huma ffinanzjati minn riżorsi tal-Unjoni, pjuttost milli minn dħul għal servizzi mogħtija skont l-Artikolu 14(3)(b) tar-Regolament Nru 1922/2006, dan ma jżommx milli jkun ikkonstatat li l-EIGE jeżerċita "attivitajiet ekonomiċi". Dan huwa hekk minħabba li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 jagħmilha irrelevanti jekk l-impriża utenti tkunx topera għal qligħ [86]. Skont ġurisprudenza żviluppata abbażi tad-Direttiva 2001/23, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li servizzi li, mingħajr ma jkunu ta' eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi, jitwettqu fl-interess pubbliku u mingħajr motiv ta' qligħ u jkunu f'kompetizzjoni ma' dawk offruti minn operaturi li jfittxu motiv ta' qligħ, huma kklassifikati bħala attivitajiet ekonomiċi [87]. B'hekk, kuntrarjament għall-argumenti magħmula mill-EIGE u mill-Kummissjoni fir-risposti tagħhom għad-domandi bil-miktub, huwa irrilevanti jekk l-EIGE jsegwix għanijiet kompetittivi jew le meta jwettaq l-attivitajiet tiegħu; li jimporta huwa li jkun hemm servizzi li jikkompetu ma' *impriżi oħra* fis-swieq rilevanti li jagħmlu dan. Lanqas li l-kompiti tal-EIGE huma stipulati bħala li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni (Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1922/2006) ma jnaqqas milli l-EIGE jeżerċita "attivitajiet ekonomiċi", tant hija wiesgħa l-kompetenza tal-Unjoni fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, li l-promozzjoni tagħha hija fl-interess pubbliku.

71. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 hija ġġustifikata sabiex ma jkunx ippreġudikat il-ksib tal-għan tad-direttiva u tkun mhedda l-effikaċja tagħha (ara l-punt 54 iktar 'il fuq).

## XII. Ir-risposta għar-raba' domanda

72. Ir-risposta għar-raba' domanda hija fl-affermattiv. Meta l-qrati tal-Istati Membri kkonċernati qiesu li l-funzjonijiet kollha tal-pożizzjonijiet u tal-impjiegi mwettqa minn ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija jinkludu kompiti li jistgħu jitwettqu esklużivament minn ħaddiema impjegati skont ir-Regolamenti tal-Persunal, il-funzjonijiet rispettivi ta' pożizzjonijiet u impjiegi ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala li jkunu ta' "l-istess impjieg[i]" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104. Dan huwa konsistenti mal-awtonomija amministrattiva tal-EIGE [88] u mar-Regolamenti tal-Persunal.

73. Dan huwa hekk għar-raġunijiet li ġejjin.

74. L-ewwel, il-parti responsabbli għall-ksur tal-obbligu ta' ugwaljanza ta' trattament previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 hija l-persuna li timpjega konvenuta. Kif innotat mir-rikorrenti (punt 24 iktar 'il fuq), il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) sabiex ikunu ddeterminati r-responsabbiltajiet skont id-dritt Litwan tal-persuna li timpjega konvenuta fil-konfront tar-rikorrenti, u mhux tal-EIGE. B'hekk, sa ċertu punt, id-diskussjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub dwar sa fejn japplikaw obbligi li jinsabu fid-direttivi tal-Unjoni għal istituzzjonijiet tal-Unjoni meta jaġixxu fil-kapaċità ta' persuna li timpjega hija superfluwa [89] minħabba li dawk id-deċiżjonijiet kollha jikkonċernaw azzjonijiet mibdija quddiem

86 Kuntrarjament għall-argumenti magħmula mill-EIGE, għalhekk huwa irrilevanti li l-EIGE ma huwiex "persuna taxxabbli" għall-finijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112. Ara d-Dokument tal-Kummissjoni ARES(2018)4985586-28/09/2018.

87 Sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Piscarreta Ricardo (C-416/16, EU:C:2017:574, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ta' min jinnota li d-Direttiva 1999/70 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, u li d-Direttiva 2008/104 għandha rabta magħha (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 iktar 'il fuq), tapplika għal kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat konklużi ma' awtoritajiet pubbliċi u korpi oħra tas-settur pubbliku. Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859, punt 43). Dan il-kuntest jissuġġerixxi li korpi pubbliċi biss li jeżerċitaw funzjonijiet pubbliċi bażiċi għandhom jitħallew barra mill-kunċett ta' eżerċizzju f'"attivitajiet ekonomiċi" skont id-Direttiva 2008/104.

88 Ara l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1922/2006 u l-Artikoli 335 u 336 TFUE.

89 Repubblika tal-Litwanja, punt 33 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq.

il-Qorti Ġenerali li quddiemha l-istituzzjoni kienet il-konvenuta f'ilmenti mressqa minn uffiċjali tagħha[90]. Dawk id-deċiżjonijiet jikkonċernaw l-impatt ta' direttivi fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward "tal-persunal tagħhom"[91].

75. It-tieni, ma hemm ebda kwistjoni dwar preġudizzju, la għal awtonomija tal-EIGE, u lanqas għar-Regolamenti tal-Persunal, minħabba li r-rikorrenti qegħdin jitolbu biss, u mingħand il-konvenuta pjuttost milli mingħand l-EIGE, pagament ta' arretrati ta' remunerazzjoni li jallegaw li huma dovuti lilhom, pjuttost milli l-bdil tal-kuntratti tax-xogħol temporanju tagħhom għal kuntratti permanenti. Ma hemmx kwistjoni, għalhekk, li l-qrati Litwani kienu taw lir-rikorrenti l-istatus ta' uffiċjal jew ta' aġent ieħor tal-Unjoni bi ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni[92]. Kuntrarju għall-argumenti magħmula mill-Kummissjoni, il-kawża prinċipali tista', għalhekk, tintgħażel mis-sentenza fil-kawża Tordeur[93], li l-Kummissjoni straħet fuqha fir-risposta tagħha għal domandi bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba li ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija f'dik il-kawża fittex li jistrieħ, b'talba għal deċiżjoni preliminari, fuq dispożizzjoni ta' liġi Belġjana li kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tibdel kuntratt għal żmien determinat għal kuntratt għal żmien indeterminat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet kif ġej:

"Huwa minnu li ħaddiem temporanju ma jistax jiġi miċħud protezzjoni soċjali biss minħabba li jkun tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' istituzzjoni Komunitarja. Madankollu, tali protezzjoni ma tistax tingħata b'mezzi li jinvadu l-awtonomija tal-istituzzjonijiet Komunitarji f'dan il-qasam [...]; ma huwiex possibbli jinħoloq kuntratt ta' impjieg [...] għal żmien indeterminat bħala riżultat mhux ta' deċiżjoni ta' awtorità kompetenti stabbilita, iżda għall-fatt, anki meta dan ikun sostnut b'deċiżjoni ta' qorti nazzjonali, li ma jkunux ġew osservati ċerti dispożizzjonijiet statutorji tal-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni b'rabta max-xogħol temporanju."[94]

76. Ma hemm ebda suġġeriment fil-proċess tal-qorti dwar xi ħadd għajr il-persuna li timpjega konvenuta responsabbli għall-pagament mitlub mir-rikorrenti, jew għall-obbligu, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104, għall-"kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg

[90] Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570); tat-13 ta' Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727, punti 105 u 106); u tas-7 ta' Frar 2019, RK vs Il-Kunsill (T-11/17, EU:T:2019:65). Għal diskussjoni dwar il-bażijiet li fuqhom direttivi jistgħu jorbtu istituzzjonijiet tal-Unjoni, ara Cortese, B. "Reasonableness of legislative choices and protection against (discriminatory) dismissal of temporary staff: does the approach of the Court of Justice of the European Union to judicial review and judicial control meet high rule of law standards?" (2012) 12 *Era Forum* 641, 650 sa 651.

[91] Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Carreras Sequeros *et* vs Il-Kummissjoni (T-518/16, EU:T:2018:873, punt 60, u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Jenkinson vs SEAE *et* (C-43/17 P, EU:C:2018:231, nota ta' qiegħ il-paġna 13), sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, VF vs BĊE (T-39/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:683).

[92] Sentenza tal-11 ta' Marzu 1975, Porrini *et* (65/74, EU:C:1975:38, punt 14). Ara wkoll is-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2000, Vitari (C-126/99, EU:C:2000:609, punt 31) u tat-8 ta' Settembru 2005, AB (C-288/04, EU:C:2005:526, punt 31). Huwa sostnut fid-digriet tar-rinviju li, ir-Regolament (EU, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 3) jipprojbixxi t-trasferiment tat-twettiq ta' funzjonijiet lil persuni li ma jaħdmux taħt ir-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, din il-kwistjoni ma tinqalax fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna biss paga..

[93] Sentenza tat-3 ta' Ottubru 1985, 232/84, EU:C:1985:392.

[94] *Ibid.*, punti 27 u 28. Fil-punt 26 il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li "l-Artikolu 6 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropew jipprovdi li kull istituzzjoni għandha tiddetermina min ikun awtorizzat jingaġġa uffiċjali b'kuntratt, jekk huma jkunux membri tal-persunal temporanju, membru tal-persunal awżiljarju, membru tal-persunal lokali jew anki konsulenti speċjali." Ara, wkoll, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2005, AB (C-288/04, EU:C:2005:526). Għandu jiġi nnutat li l-kawża prinċipali ma hijiex paragunabbli mas-sitwazzjoni kkunsidrata mill-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Betriebsrat der Vertretung der Europäischen Kommission in Osterreich (C-165/01, EU:C:2003:224, punt 100). Għal eżempju ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li fiha ordni ta' qorti ta' Stat Membru dwar membri tal-persunal lokali impjegat minn aġenzija tal-Unjoni taħt il-KIAO ma daħlitx fl-isfera ta' awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-komunità, ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2000, Vitari (C-126/99, EU:C:2000:609).

tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija" għandhom ikunu "għat-tul ta' żmien tal-assenjazzjoni tagħhom f'impriża utenti, tal-inqas dawk li jkunu japplikaw kieku kienu rreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg." [95]

77. Għandu jkun ammess li "paga" skont id-Direttiva 2008/104 ma hijiex iddefinita f'dik id-dispożizzjoni [96] u li hemm dispożizzjonijiet oħra ta' dik id-direttiva li probabbilment jistgħu jiksru l-awtonomija tal-EIGE, bħall-Artikolu 10 li jippermetti li l-Istati Membri jimponu penalitajiet fuq impriżi utenti. Madankollu, dan ikun jiddependi min-natura tal-penali u taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ partikolari. I-kawża prinċipali, għall-kuntrarju, hija limitata għal kundizzjonijiet tax-xogħol u limpjieg dwar "paga" skont l-Artikolu 3(f)(ii) u dwar kif il-kondizzjonijiet jiġu kkalkolati 'ta' l-inqas dawk [il-kundizzjonijiet tal-paga] li jkunu japplikaw' kieku r-rikorrenti kienu rreklutati direttament" kif previst fl-Artikolu 5(1). Ir-riferiment tal-qrati Litwani għall-Artikolu 80 tal-CEOS hija loġika, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula, u ma naqbilx mal-argumenti tal-Kummissjoni li bihom uriet li dan joħloq diffikultajiet li ma jistgħux jintgħelbu (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 45 iktar 'il fuq).

78. L-EIGE u l-Kummissjoni jissottomettu li "[i]rreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg" skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 jixirqilha titqabbel bejn ħaddiema temporanji rreklutati *direttament* mill-EIGE għal xogħol temporanju skont il-liġi Litwana, pjuttost milli permezz ta' aġenzija ta' xogħol temporanju, filwaqt li kemm ir-rikorrenti, kif ukoll ir-Repubblika tal-Litwanja jissottomettu li l-eżerċizzju komparattiv għandu, minflok, ikun jikkonsisti f'li r-reklutaġġ jitqies skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

79. It-tnejn ma jirriflettux stampa sħiħa tal-eżerċizzju rikjest. Għandu jitfakkar li l-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 […] [jirrikjedi li] matul il-perijodu tal-assenjazzjoni tagħhom ma' impriża utenti, il-kundizzjonijiet essenzjali tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji għandhom, mill-inqas, jikkorrispondu għal dawk li jkunu applikabbli għalihom li kieku jiġu rreklutati direttament mill-imsemmija impriża sabiex jokkupaw l-istess pożizzjoni [97]".

80. Kif spjegat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti (ara l-punt 29 iktar 'il fuq) u dawk tar-Repubblika tal-Litwanja (nota ta' qiegħ il-paġna 37 iktar 'il fuq) dak li jirrikjedi l-Artikolu 5(1) huwa investigazzjoni ta' fatti forensiċi [98]. Ir-rikorrenti wettqu, fil-fatt, funzjonijiet fl-impjiegi li huma jokkupaw, li huma dawk ta' impjegat li, jirċievi remunerazzjoni ogħla minn dik imħallsa skont kuntratt ta' xogħol temporanju? Il-kuntratti ta' impjieg u r-Regolamenti tal-Persunal huma ta' għajnuna iktar bħala prova milli bħala normi legali sabiex jitwettaq dan l-eżerċizzju. Mid-digriet tar-rinviju jidher li dan l-eżerċizzju forensiku kien sar mill-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali (ara l-punt 20 iktar 'il fuq). Ladarba kien aċċertat, abbażi ta' provi, preċiżament liema funzjonijiet u attivitajiet kienu twettqu mill-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, inkluża analiżi ta' dak li nftiehem, il-Kummissjoni dwar Tilwim Industrijali tat ir-remunerazzjoni prevista għas-sottofunzjoni grupp II, grad 4, skont l-Artikolu 80 ta' KIAO, u jitħallsu mill-persuna li timpjega konvenuta.

95 Ara wkoll il-premessa 14 tad-Direttiva 2008/104.

96 Għal suġġerimenti dwar kif elementi tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jkunu ta' għajnuna għal dan l-eżerċizzju, ara r-Rapport tal-2011 tal-Grupp ta' Esperti, nota ta' qiegħ il-paġna 59 iktar 'il fuq, p. 16 sa 18.

97 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, KG (Assenjazzjonijiet suċċessivi fil-kuntest ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija) (C-681/18, EU:C:2020:823, punt 52).

98 Fil-fatt, meta jitqies jekk ikunx inkiser il-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament, ikun għall-qorti tal-Istat Membru li teżamina l-fatti rilevanti kollha, inkluż jekk il-gruppi rilevanti jkunux jistgħu jitqabblu, jekk tkunx seħħet jew le differenza ta' trattament u jekk tkunx iġġustifikata oġġettivament. Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża GILDA-UNAMS *et* (C-282/19, EU:C:2021:217).

81. It-tieni, kif ġà nnotat, restrizzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament, wieħed mill-elementi fundamentali tad-Direttiva 2008/104, hija permessa biss "f'ċerti ċirkostanzi limitati"[99]. Dawn huma stabbiliti fl-Artikolu 5(2) sa (4) tad-Direttiva 2008/104. Ma jinqalgħux fil-kawża prinċipali.

82. Fl-aħħar, tista' ssir id-domanda dwar x'għandu jsir jekk l-EIGE jkun eċċeda d-diskrezzjoni tiegħu, skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1922/2006 li "jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali, b'mod partikolari arranġamenti ta' sottokuntratti, ma' organizzazzjonijiet oħrajn, sabiex jitwettaq kwalunkwe kompitu li jista' jafdalhom"[100] jew aġixxa b'mod li huwa inkonsistenti mar-Regolamenti tal-Persunal li huma vinkolanti fuq l-EIGE bis-saħħa tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1922/2006?[101].

83. Hija ġurisprudenza stabbilita li "ix-xogħol temporanju huwa kkaratterizzat minn relazzjoni trijangulari bejn il-ħaddiem, kumpannija esterna u l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li timplika l-iffirmar ta' żewġ kuntratti: l-ewwel kuntratt bejn il-kumpannija tax-xogħol temporanju u l-korp tal-Unjoni u t-tieni kuntratt bejn il-ħaddiem temporanju u l-kumpannija tax-xogħol temporanju [...]. [D]in ir-relazzjoni hija kkaratterizzata mill-preżenza ta' kumpannija privata intermedjarja li tagħmel profitt billi tpoġġi ħaddiem għad-dispożizzjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni jew billi tassenjah għat-twettiq ta' dmirijiet speċifiċi fi ħdanha jew għan-nom tagħha. Huwa l-intervent ta' dawn il-kumpanniji esterni bħala intermedjarji li ma jippermettux li jiġi konkluż li teżisti rabta ġuridika diretta bejn il-persuna kkonċernata u l-korp tal-Unjoni."[102]

84. Relazzjoni trijangulari, għalhekk, tiġġustifika soluzzjoni trijangulari. Hija l-persuna li timpjega konvenuta li għandha tressaq proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni, pjuttost milli r-rikorrenti, sabiex titlob li tieħu lura mingħand l-EIGE l-arretrati ordnati minn qorti Litwana jekk, bħala materja ta' dritt tal-Unjoni, huma jridu jikkontendu li l-EIGE eċċeda s-setgħat tiegħu fir-rigward tan-natura tax-xogħol li huwa fil-fatt assenja lir-rikorrenti sabiex jagħmluh. Kif issottomettiet ir-Repubblika tal-Litwanja (punt 35 iktar 'il fuq), din is-soluzzjoni hija konsistenti mal-assenza ta' dispożizzjonijiet fir-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

85. Nasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tad-dritt tar-rikorrenti għal aċċess għal qorti u għal rimedju effettiv skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta[103], meqjusa d-diffikultajiet li huma jkollhom jiltaqgħu magħhom sabiex jiksbu *locus standi* quddiem il-Qorti Ġenerali, minħabba l-assenza ta' kuntratt mal-EIGE[104].

99 Premessa 17 tad-Direttiva 2008/104.

100 Fuq id-dritt tal-Kummissjoni li tidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali, b'mod ġenerali, ara s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1989, Mulfinger *et* vs Il-Kummissjoni (C-249/87, EU:C:1989:614, punt 10). Ara wkoll l-Artikoli 272 u 335 TFEU.

101 Skont ġurisprudenza stabbilita dan jista' jseħħ, pereżempju, rigward waħda mill-funzjonijiet li t-Trattati jassenjaw lill-istituzzjonijiet u li, għalhekk, jitolbu għal impjieg skont ir-Regolamenti tal-Istaff pjuttost milli kuntratti rregolati mil-liġijiet tal-Istati Membri. Ara s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1989, Mulfinger *et* vs Il-Kummissjoni (C-249/87, EU:C:1989:614).

102 Sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Quadri du Cardano vs Il-Kummissjoni (T-273/17, EU:T:2018:480, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Della Rocca (C-290/12, EU:C:2013:235, punt 40).

103 Ara l-iktar, fil-kuntest tal-kwistjonijiet li nqalgħu f'dan il-każ, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, SatCen vs KF (C-14/19 P, EU:C:2020:492).

104 Ara, pereżempju, id-digriet tas-6 ta' Lulju 2001, Dubigh u Zaur-Gora vs Il-Kummissjon*i* (T-375/00, EU:T:2001:181); is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, IPSO vs BĊE (T-713/14, EU:T:2016:727). Il-premessa 21 tad-Direttiva 2008/104 hija wkoll rilevanti hawnhekk, li fil-fatt timponi obbligu fuq l-Istati Membri li jipprevedu "pieni effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-ksur tal-obbligi" stabbiliti fid-Direttiva 2008/104, kif jagħmel l-Artikolu 10. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tidher li hija prekluża fil-ġurisprudenza. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1985, Tordeur (232/84, EU:C:1985:392, punti 15 sa 21).

## XIII. Konklużjoni

86. Għalhekk nipproponi r-risposta li ġejja għad-domanda magħmula mill-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema, il-Litwanja).

1. Aġenziji tal-Unjoni Ewropea, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, huma "impriżi utenti" skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2008/104.

2. Id-Direttiva 2008/104 għandha tkun interpretata bħala li tipprekludi l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 għal assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija lil impriżi utenti li ma jeżerċitawx attivitajiet ekonomiċi.

3. L-oqsma ta' attività u funzjonijiet tal-EIGE, kif iddefiniti fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, għandhom jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104.

4. Meta l-qrati tal-Istat Membru kkonċernat ikkonstataw li l-funzjonijiet kollha tal-pożizzjonijiet u tal-impjiegi mwettqa minn ħaddiema temporanji permess ta' aġenzija jinkludu kompiti li jistgħu jitwettqu esklużivament minn ħaddiema impjegati skont ir-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-funzjonijiet tal-pożizzjonijiet u l-impjiegi rispettivi ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala li jkunu "l-istess impjieg[i]" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104. Dan huwa konsistenti mal-awtonomija amministrattiva tal-EIGE u tar-Regolamenti tal-Persunal.